

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

520/16

20/09/2016

L-UE tapprova ftehim ma' Andorra dwar it-tassazzjoni

Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill approva l-konklużjoni ta' ftehim ma' Andorra li ser **itejjeb il-konformità fiskali** tal-faddala privati.

Il-ftehim ser jgħin biex **titrażżan l-evazzjoni tat-taxxa** billi jesiġi li l-istati membri tal-UE u Andorra jiskambjaw informazzjoni awtomatikament.

Dan ser jagħti lill-amministrazzjonijiet tagħhom tat-taxxa aċċess transfruntier aħjar għal informazzjoni dwar il-**kontijiet finanzjarji** tar-residenti ta' xulxin.

Il-ftehim jaġġorna ftehim tal-2004 li kien jobbliga lil Andorra tapplika miżuri ekwivalenti għal dawk f'direttiva tal-UE dwar it-tassazzjoni tad-dħul mit-tfaddil. Ser jestendi l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex il-kontribwenti ma jkunux jistgħu jaħbu kapital li jirrappreżenta dħul jew assi li ma tkunx tħallset taxxa fuqhom.

Il-ftehim il-ġdid għe ffirmat fit-12 ta' Frar 2016. Għe konkluż (fl-20 ta' Settembru) f'laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, mingħajr diskussjoni.

- [Ftehim UE-Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji](#)
- [Stqarrija għall-istampa dwar il-Ftehim UE-Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press